MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 2738/1999/1

**Maria Dolores Agius**

**vs**

**Joseph Agius**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi l-

konvenut hu zewgha u ghalkemm qed jghaddilha manteniment dan mhux sufficjenti konsiderat id-dhul percepit mill-konvenut f'salarju u introjti ohra u l-bzonnijiet varjati taghha u taz-zewg ulied minuri li jabitaw maghha; illi l-konvenut allontana ruhu mid-dar konjugali u ffissa dimora ghalih; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: (1) tiffissa ghall-attrici u ghaz-zewg ulied minuri l-manteniment f'dik is-somma li dik il-Qorti jidrilha gusta u ekwa u fiz-zmien li joghgobha tistabilixxi ghal daqshekk; (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici r-retta alimentarja hekk stabbilita; bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
a. Illi t-talbiet attrici huma ferm infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attrici (*sic*);

b. Illi l-imgieba tal-attrici pprovokat hajja mizzewga impossibbli liema mgieba kkawzat tiksir irrimedjabbli bil-konsegwenzi odjerni;

c. Illi apparti mis-suespost il-manteniment, stante li m'hemmx proceduri ghas-separazzjoni, dejjem inghatat (*sic*) u ghalhekk dawn il-proceduri huma vessatorji u bla bazi kif ukoll spejjez bla bzonn;

d. Illi filwaqt li l-attrici ghandha tonora l-obbligi taghha, bhalma jaghmlu hafna nisa tad-dar, kif ukoll tara kif taghmel biex tikkontribwixxi lejn il-bzonnijiet tal-familja, kull argument li hi, "mara tad-dar" hi skuza li qed tipprova tahbi (*sic*) warajha;
e. Illi s-sitwazzjoni nkwetanti hi li l-istess attrici qed tonqos fl-obbligi taghha bhala omm, liema haga qed isservi ta' hsara ghall-istess tfal minuri;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju, 2003 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

"… tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u fil-waqt li tichad it-talbiet tal-attrici in k[w]antu jirreferu ghall-manteniment ta' ulied il-kontendenti, *stante* li Alfredo llum huwa maggorenni u l-minuri Lysette llum tghix mal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** dwar l-alimenti minnha rikjesti b'dan illi:-

1. Tiffissa ghall-attrici u dan bhala manteniment ghaliha r-rata ta' alimenti fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem mill-konvenut fir-residenza taghha, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti r-retta alimentarja hekk stabbilita fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem mill-konvenut fir-residenza tal-attrici, u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi skond l-**artikolu 20 tal-Kap. 16**:-

*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qliegh tieghu mix-*

*xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli.*

"Illi jirrizulta mill-provi li l-konvenut meta xehed fl-14 ta' Lulju 2000 sostna li huwa Spettur tal-Pulizija u kellu paga *gross* ta' Lm416 fix-xahar apparti *allowance* ghall-hwejjeg ta' bejn Lm46 u Lm60 kull xahar ukoll. Apparti dan idahhal imghax ta' Lm1,200 fis-sena minn depoziti mal-H.S.B.C. u l-bqija kienu ntefqu sabiex il-konjugi xtraw *garage*. Sostna li kien qed jghati lil martu ghaliha u ghal uliedu Lm270 fix-xahar u xorta kien qed ihallashom ghalkemm skond huwa l-attrici sakkritu barra mid-dar u llum qed jghix separat minnha.

"Illi huwa sostna wkoll li meta kien id-dar kien jghaddilha l-paga kollha u kien izomm biss Lm40 jew Lm50 f'idejh. Sostna li ma ghandux ihallas iktar minn Lm200 fix-xahar peress li kull ma kien qed jibqaghlu f'idejh kien biss Lm100.

"Illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2001 sostna li kienu [*sic*] spettur sentejn fejn sostna li kienu tnaqqsulu Lm60 bhala *allowance* tal-hwejjeg, u jdahhal Lm1,200 imghax minn kapital ta' Lm25,000 li kien wiret minghand missieru. Peress li t-tifel lahaq maggorenni f'Jannar 2001 beda jaghti lill-attrici s-somma ta' Lm133.33 bhala manteniment fix-xahar u dan minn paga netta li f'April 2000 kienet ta' Lm431.77.

"Illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2001 sostna li huwa ma kienx qed ihallas manteniment ghaliex meta ta manteniment il-Qorti qalet li ma kienx ta, *di più* rcieva

diversi kontijiet tal-Maltacom ta’ Lm100 telefonati. Kecciet lit-tifel mid-dar u t-tifla wkoll qed tghix mieghu.

“Illi l-attrici fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2000 sostniet li l-ahhar cekk li ta zewgha kien ta’ Lm200 u cjoè fil-5 ta’ Lulju 2000 u hija tircievi c-*children’s allowance* tat-tifla ta’ Lm70 kull tliet xhur fil-waqt li t-tifel kien student. Sostniet li ghandha bzonn aktar flus ghall-edukazzjoni ta wliedhom, ghall-*petrol* sabiex twassal lit-tifel biex jistudja, apparti spejjez ta’ mard.

“Illi fl-*affidavit* taghha datat 23 ta’ Novembru 2000 a fol. 39 tal-process, l-istess attrici kkonfermat dak li nghad mill-kontendenti fix-xhieda taghhom precedenti u fejn elenkat il-bzonnijiet taghha u ta’ wliedha u cjoè ghall-ikel Lm125, edukazzjoni, konsum ta’ ilma dawl, telefon, u licenzja tat-*television*, *fuel* u manteniment tal-karozza, u spiza tad-dar u medicinali.

“Illi fis-seduta tat-30 ta’ April 2001 sostniet li fuq isimha ma hemm l-ebda flus depozitati però hemm xi flus fuq it-tfal. Inxtraw diversi affarijiet waqt iz-zwieg mill-flus li kien jibqaghlha mill-paga li kien jaghtiha l-attur fosthom *television* kbir u *speedboat* li kienet inbieghet u l-flus inqasmu. Sostniet li mhux minnu li certu Anthony Caruana jorqod fid-dar konjugali ghalkemm gieli harget tiekol mieghu u jhallas hu. L-istess attrici xehdet ukoll fit-28 ta’ Mejju 2001.

“Illi fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2001 l-attrici sostniet li kemm it-tifla u kemm it-tifel llum jghixu ma’ missierhom u l-ahhar manteniment li thallset kien ta’ Lm33 ghall hmistax il-gurnata u dan il-pagament sar permezz ta’ cekk datat 6 ta’ Awissu 2001 u esebit bhala Dok. ‘PS10’ u lanqas ghajnuna socjali ma kienet qed tircievi. Sostniet li ghandha flus fuq isimha l-bank però dawn kienu tat-tfal u qatt ma messithom, u kull ma hemm kien Lm47. Cahdet li fid-dar kienet qed tghix ma’ Anthony Caruana.

“Illi rat ir-rapport ta’ Alfred Agius, iben il-kontendenti, fl-ghassa tal-Pulizija Paola fejn dan allega li ommu ma kenitx qed tmantnih (Dok. ‘JA’ fol. 81) ghaliex kull darba

tghidlu mur itlob lil missierek, ghalkemm hija ssajjar lil habib taghha.

“Illi l-istess Alfredo Agius xehed fit-28 ta’ Mejju 2001 u sostna li huwa kien ghalaq tmintax-il sena u kien qed jistudja l-iskola Fellenberg u kellu stipendju ta’ Lm40 fix-xahar.

“Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li jigi ffissat manteniment ghaliha u ghaz-zewg uliedha u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-istess.

“Illi fil-mori tal-kawza rrizulta li l-ulied marru joqoghdu mal-konvenut u ghalhekk certament li f’dan ir-rigward it-talba attrici *nomine* ma tistax tigi milqugha, *stante* li llum jirrizulta li l-konvenut qed imantni lil bintu minuri li qed tghix mieghu u t-tifel llum sar maggorenni u wkoll jabita mal-istess konvenut.

“Illi ghalhekk dak li llum baqa’ jigi stabilit huwa l-manteniment tal-attrici kemm l-esistenza *o meno* ta’ tali dritt u wkoll eventwalment dwar l-entità tieghu fil-kaz li dan jezisti.

“Illi skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** jirrizulta li wahda mill-obbligi tal-mizzewgin huwa li skond l-**artikolu 3** jmantu lil xulxin, u abbazi ta’ dan l-obbligu u allura dritt reciproku, l-**artikolu 5** jiddisponi li dment li l-istess ragel u mara jistghu jiehdu l-manteniment minghand xulxin, ma jistghux jirrivertu t-talbiet taghhom lejn uliedhom, dixxendenti jew axxendenti.

“Illi dan id-dritt ta’ manteniment bejn il-kojugi jista’ jintilef biss fil-kaz kontemplat fl-**artikolu 6 tal-Kap 16** fl-eventwalità li wahda mill-konjugi titlaq mid-dar taz-zwieg u bla raguni valida ma tkunx trid tirritorna d-dar, jew fuq decizjoni tal-Qorti f’kawza ta’ separazzjoni konsegwenti ghad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48(1)(d) tal-Kap 16**.

“Illi dawn il-kazijiet ma japplikawx ghall-kawza in ezami peress li fil-kaz ta’ l-ewwel artikolu msemmi jidher li kien il-konvenut li abbanduna d-dar konjugali ghal xi raguni jew

ohra li tista’ tkun ukoll gustifikabbli, li però ma tirrizultax mill-atti tal-kawza, u lanqas hija rilevanti ghall-kwistjoni odjerna;  certament li l-attrici ma abbandunatx id-dar konjugali tant li huwa ammess li hija ghadha qed tghix fl-istess dar.

“Illi dwar it-tieni artikolu imsemmi din hija kawza ta’ manteniment u allura d-dispozizzjonijiet tal-**artrikolu 48** ma jistax jigu applikati ghall kaz *de quo* stante li biex dawn jigu applikati jrid ikun hemm pronunzjament *inter alia* dwar l-**artikolu 38 u 41 tal-Kap 16**, u artikoli ohra bhal **l-artikolu 40** b’applikazzjoni tal-**artikoli 51 u 52** li kollha jirreferu ghar-responsabilità tal-konjugi li taghti aditu ghall-dikjarazzjoni ta’ firda personali, u din tista’ tigi kontemplata biss f’kawza ta’ separazzjoni, li din il-kawza ovvjament ma hijiex.  Illi f’dan is-sens hija d-decizjoni *Lorraine Vucinovic vs Radislav Vucinovic* (A.C. 4 ta’ Dicembru 1998);  *Maria Concetta Cunningham vs J. Cunningham* - A.C. 11 ta’ Frar 1966;  u *Doris Grech vs Anthony Grech* - A.C. 18 ta’ Jannar 1974.

“Illi meta allura ma hemmx dubju li f’dan l-istadju ta’ qabel il-pronunzjament ta’ separazzjoni bejn il-partijiet b’mod gudizzjarju, id-dritt ta’ l-attrici li tesigi l-manteniment minghand zewgha jekk il-kondizzjonijiet hekk jikkonkorru certament jezisti u dan sakemm ma jkunx hemm pronunzjament abbazi tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** jew rinunzja da parte tal-attrici.

“Illi jsegwi li ladarba din hija l-pozizzjoni kull konsiderazzjoni ohra li ma taqax fl-ambitu tal-**artikolu 6** ma hijiex rilevanti ghal din il-kawza u dan jinkludi wkoll l-allegazzjoni[jiet] kollha vantati mill-konvenut fil-konfront ta’ martu rigward l-allegat adulterju, u dan huwa car anke jekk wiehed ihares lejn il-provediment tal-**artikoli 27, 32, 33, u 34 tal-Kap 16**, li jikkontemplaw li parti, *inter alia* u nkluz l-ahwa u l-genituri lejn l-ulied, tista’ tichad il-manteniment lill-parti l-ohra fil-kaz ta’ offiza gravi maghmula mill-parti l-ohra lejha jew familjari taghha, u f’dan il-kuntest l-mizzewgin ma humiex inkluzi.

"Illi fil-fatt fis-sentenza *Franceschina Magri proprio et nomine vs Carmelo Magri* (A.C. - 27 ta' Jannar 1947) inghad illi:-

'*Il-prezunzjoni tal-onestà tal-mara ma tippermettix li jsiru provi simili f'kawza ta' alimenti, imma jistghu isiru f'kawza ta' separazzjoni li r-ragel jekk jidhirlu li ghandu dritt jista' jaghmel kontra l-mara*.'

"Illi minn dan isegwi li la darba ghall dak li huwa relevanti ghall-kaz odjern, il-mara ma titlifx id-dritt ghall-manteniment f'kawza ta' separazzjoni personali hija ghandha dritt tfittex ir-ragel ghall-manteniment. L-istess japplika ghar-ragel li jrid jitlob alimenti minghand il-mara tieghu (*Cunningham vs Cunningham* A.C. 11 ta' Frar 1996; *Massa vs Massa* - P.A. 8 ta' Gunju 1976.

"Illi l-hsieb ta' dan kollu huwa dak iddikjarat fil-kawza *Doris Grech vs Anthony Grech* (A.C. 18 ta' Jannar 1974) u cjoè li f'dak il-kaz ir-ragel ma jistax '*jivvantaggja ruhhu u jpoggi lilu nnifsu f'pozizzjoni ahjar (u jippeggjora dik tal-attrici) billi mill-pozizzjoni ta' konvenut f'kawza ghall-alimenti biex jittrincera ruhu wara l-allegazzjoni tal-adulterju --- minghajr ma jigi 'l quddiem bl-azzjoni ta' separazzjoni*'.

"Illi minn dan jirrizulta li qed jigu accettati *in pien* is-sottomissjonijiet tal-attrici u michuda dawk tal-konvenut li kwazi esklussivament illimita ruhu ghall-allegazzjonijiet fil-konfront tal-attrici, meta dak li huwa rilevanti ghal din il-kawza huma l-mezzi tal-partijiet u l-introjtu rispettiv taghhom u l-bzonnijiet tal-partijiet u in partikolari tal-attrici, in vista tat-talba minnha maghmula wkoll fl-isfond tal-**artikolu 20 tal-Kap 16**.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ahhar paga tal-attur bhala Spettur tal-Pulizija kienet dik esebita bhala Dok. 'JA 6' a fol. 140 tal-process relattiva ghad-data tas-27 t' April 2001 li minnha jirrizulta li l-konvenut ghandu dhul nett ta' Lm425.22 fix-xahar; minhabba barra [*sic*] *ex admissis* jirrizulta li l-konvenut ghandu dhul nett ta' imghax fuq depozitu provenjenti mill-wirt tal-genituri tieghu ta'

Lm1,200 cirka fis-sena, mentri l-attrici ma ghandha l-ebda introjtu, ghaliex ma tahdimx, u fil-fatt hija mara tad-dar.

“Illi dan iwassal ghall introjtu cirka ta’ Lm525.22 fix-xahar ghall-konvenut, li qed jigi utilizzat sabiex jghixu mieghu ukoll iz-zewg uliedu, wiehed maggorenni u student li ghandu biss stipendju ta’ Lm30 jew Lm40 fix-xahar, u t-tifla minorenni.  Illi tenut kont ta’ dan kollu, u l-bzonnijiet tal-partijiet u uliedhom, u tal-attrici f’din il-kawza kollox fil-kuntest tal-**artikolu 20 tal-Kap 16**, din il-Qorti thoss li ghandu jigi likwidat l-ammont ta’ Lm120 fix-xahar ghall-attrici, pagabbli kull xahar bil-quddiem mill-konvenut fir-residenza taghha, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, b’dan li tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm ma jkunx hemm xi forma ta’ dikjarazzjoni f’gudikat konsegwenti ghall-azzjoni ta’ separazzjoni bejn il-partijiet skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**, li jista’ jaffetwa d-dritt ta’ manteniment tal-partijiet f’din il-kawza u in partikolari dik tal-attrici.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab  hekk:

“… dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba, tirrikonsidera l-kaz mill-gdid, kif ukoll tirrevedi x-xhieda u jekk ikun il-kaz taghti l-opportunità lil esponent jispjega l-fatti veri tal-kaz u dan billi tichad u tirevoka s-sentenza ta’ l-ewwl qorti kontra l-attrici Maria Dolores Agius bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess Maria Dolores Agius”;

Rat ir-risposta u l-appell incidentali ta’ l-attrici illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:

“… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tirrespingi l-aggravji kollha sollevati mill-konvenut appellanti, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn it-talba taghha ghal alimenti minn ghand zewgha l-konvenut appellanti giet milqugha, tvarja l-istess sentenza billi tillikwida mill-gdid l-ammont ta’ manteniment pagabbli u dana abbazi ta’ zieda fl-introjtu tal-konvenut, liema ammont kif likwidat ghandu jithallas mid-data meta l-konvenut waqaf ihallas il-manteniment lill-

attrici u cioè mis-6 ta' Awissu 2001 u inoltre jigi ordnat illi l-ammont kif likwidat jinqata' direttament mill-paga ta' l-istess konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi inkluzi dawk ta' dan l-appell incidentali kontra l-konvenut appellanti."

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari ta' dak kollu illi jghid il-konvenut fir-rikors ta' appell tieghu dwar kif ihossu aggravat bis-sentenza appellata, abbinat ma' dak illi jinghad fl-istess sentenza, jirrizultaw zewg affarijiet: (i) illi l-konvenut qieghed isostni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha; u (ii) illi l-ilmenti illi qed javanza l-konvenut quddiem dina l-Qorti già gew trattati kollha mill-ewwel Qorti;

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti - hafna minnhom irrilevanti ghall-finijiet tat-talbiet attrici - hija tal-fehma illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett ta' dawn il-provi u illi fil-konsiderazzjonijiet illi ghamlet sabiex waslet ghall-parti deciziva tas-sentenza appellata ittrattat, ukoll b'mod korrett, l-ilmenti ta' l-appellant illi hemm riferenza ghalihom fil-paragrafu ta' qabel dan;

Illi, ghalhekk, dina l-Qorti ma ssib ebda raguni sabiex takkolji l-appell interpost mill-konvenut;

Illi, però, dina l-Qorti sejra issa taghmel xi osservazzjonijiet dwar is-segwenti silta mir-rikors ta' appell:
"e. illi … il-qorti [ta' l-ewwel istanza] insiet il-fatt li … l-istess Maria Dolores Agius [l-attrici] naqset minn rajha tmur ghax-xoghol bhala *warden* …";

Fir-realtà, fis-sentenza appellata ma hemmx riferenza diretta ghal dan il-fatt imsemmi mill-appellant; hemm biss riferenza indiretta peremzz tas-segwenti frazi (pagina 14 tas-sentenza, fol. 197):
"… l-attrici ma ghandha l-ebda introjtu, ghaliex ma tahdimx, u fil-fatt hija mara tad-dar" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dwar l-impjieg ta' l-attrici bhala *warden*, mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kienet ghamlet applikazzjoni sabiex tattendi kors bil-hsieb illi tigi ngaggata bhala *warden* u illi hija ma segwietx dan il-kors (fol. 164). Dwar dan, fit-traskrizzjoni tal-kontroezami ta' l-attrici, kondott waqt l-udjenza tat-tletin (30) ta' April, 2001, hemm registrat hekk (fol. 58):
"Avukat: Inti kellek l-opportunità li tkun warden[?]

Xhud: Iva. Imma ghax gaghalni hu biex napplika. Meta ghidtlu intix gej lura d-dar biex ikun hemm xi hadd mat-tfal waqt li jiena nkun *duty* u qalli le, kelli nirtira biex nibqa' mat-tfal" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Mill-kliem appena sottolinejat jemergi illi r-raguni moghtija mill-attrici sabiex ma tahdimx hija li riedet tassigura illi fid-dar matrimonjali jkun hemm xi hadd min jiehu hsieb l-ulied - atteggjament verament nobbli. Però, mhux kontestat bejn il-kontendenti illi attwalment - u anke qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata - l-ulied ma kienux qed jghixu izjed ma' l-attrici fid-dar matrimonjali izda qed jghixu mal-konvenut. Konsegwentement, illum ma hemm ebda xkiel sabiex l-attrici tikkontribwixxi ghall-manteniment taghha nnifisha. Dan il-fattur, ghalkemm, minn naha wahda, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jwassalx lil dina l-Qorti sabiex tilqa' l-appell tal-konvenut kwantu dirett ghal tnaqqis fir-retta alimentarja, min-naha l-ohra, huwa determinanti bizzejjed sabiex, minkejja illi jirrizulta illi fil-mori ta' dan l-appell l-introjtu ta' l-appellant zdied (ara dokument MB, esibit permezz ta' nota pprezentata quddiem dina l-Qorti fit-tnax (12) ta' Frar, 2004), ma tintlaqax it-talba ta' l-attrici, maghmula permezz ta' l-appell incidentali taghha, illi jigi lilha koncess awment fil-*quantum* tal-manteniment pagabbli lilha minn zewgha;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ l-appell incidentali taghha l-attrici qed titlob ukoll illi s-sentenza appellata tigi varjata fis-sens illi l-alimenti lilha akkordati permezz ta’ l-imsemmija sentenza jkunu dovuti b’effett mis-sitta (6) ta’ Awissu, 2001 u mhux b’effett mid-data ta’ l-istess sentenza. L-attrici tissottometti illi dina t-talba taghha hija gustifikata ghaliex il-konvenut ilu ma jissomministralha manteniment mis-6 ta’ Awissu, 2001. Dina t-talba ma tistax tigi milqugha ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, ma jirrizultax pruvat b’mod sodisfacenti illi l-konvenut ma pprovda ebda manteniment lill-attrici bejn is-6 ta’ Awissu, 2001 u d-data tas-sentenza appellata. Dak illi jirrizulta b’mod sodisfacenti f’dan ir-rigward huwa biss illi l-konvenut ma pprovdiex manteniment lill-attrici matul ix-xahar ta’ Novembru, 2001 (fol. 157). Tajjeb illi jigi rilevat illi kieku kien minnu illi fil-pendenza ta’ dina l-kawza quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut ma kienx qed jipprovdi manteniment lill-attrici, l-istess attrici setghet, *ai termini* ta’ l-artikolu 25 tal-Kodici Civili, titlob illi l-konvenut jigi kundannat jaghtiha manteniment provvizzorju *pendente lite*;

Ikkunsidrat:

Illi l-ahhar talba illi ghamlet l-attrici permezz ta’ l-appell incidentali taghha hija illi, fil-kliem testwali tar-risposta ta’ appell, “… jigi ordnat illi l-ammont kif likwidat jinqata’ direttament mill-paga ta’ l-istess konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici”;

Illi dina t-talba ta’ l-attrici appellanti ma giet b’ebda mod motivata, la fir-risposta ghar-rikors ta’ appell u lanqas waqt it-trattazzjoni orali quddiem dina l-Qorti. F’dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta ddecidiet illi l-manteniment in kwistjoni jithallas fir-residenza ta’ l-attrici. Tirrileva biss illi waqt il-pendenza ta’ dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti l-attrici ma ghamlet ebda talba simili ghal dik in ezami;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichad kemm l-appell principali tal-konvenut u kemm l-appell incidentali ta’ l-attrici u billi tikkonferma s-sentenza appellata fl-interità taghha; tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza, kwantu ghall-appell principali, jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant u, kwantu ghall-appell incidentali, jigu sopportati kollha mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------